SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 08/K9/19

Data tal-laqgħa: 21 ta' Novembru 2019

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi-Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Patricia Camilleri - Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (2)**

Il-Kunsillier Martin John Sultana – Kunsillier (Inc. /19)
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli - Kunsilliera (Inc. /19)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**08.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

08.1.01 Il-Kunsillier Martin John Sultana u l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli talbu li jiġu skużati għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li jiġu skużati.

**08.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

08.2.01 Tqajjem il-punt dwar 7.2.08 flok il-kelma flok tinbidel għall-flimkien filwaqt li 7.7.04.01 jitneħħa l-kliem li ser ikun qiegħed jieħu ħsieba l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul.

08.2.02 Tqajjem il-punt dwar 7.7.10.01 fejn il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula talab li ssir korrezzjoni sabiex tinbidel u ssir taqra li l-flus ser ikunu qed jintużaw għall-kunċert biss.

08.2.03 Il-Kunsillier Sean Gauci wasal fil-5.15p.m.

08.2.04 Il-Kunsillier Guido Dalli qajjem il-punt dwar 7.03.03 fejn talab li ssir korrezzjoni sabiex aħna nawguraw mhux għal president ġdid iżda għall-rebħ tal-kampjonat.

08.2.05 Il-Kunsillier John Agius talab li ssir korrezzjoni 07.03.01 flok Bajja Spinola tinbidel għall-Bajja Balluta.

08.2.06 Wara l-korrezzjoni, il-Kunsillier Guido Dalli ippropona l-approvazzjoni ta' Minuti 07/K9/19.

08.2.07 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ssekondah fl-approvazzjoni tal-Minuti 07/K9/19.

08.2.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

08.2.09 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul qajjem il-punt dwar 7.04.02 fejn talab jekk hemmx xi żvillupp dwar il-single use plastic. Huwa ġie nfrumat li konna qed nistennew il-proposti tiegħu u tal-Kunsillier Sean Gauci.

08.2.10 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula qajjem il-punt dwar 7.7.10.01 li tirrigwardja l-purċissjoni tal-bambin, huwa spjega li din mhux ser issir minħabba li ma kienx hemm qbil fuq il-ġranet.

08.2.07 Iċ-Ċermen qajjem il-punt 07.2.05, wara li kien hemm qbil fil-Kunsill fil-laqgħa preċidenti huwa kien tkellem ma' l-Assistant Kummissarju Alexandra Mamo, fejn hi rreferitu sabiex jitkellem direttament mal-Maġġur ta' San Ġiljan.

08.2.08 Tqajjem il-punt dwar jekk kienx hemm żvillup dwar l-ATM ta' Ta' Ġiorni, filwaqt li s-Segretarju nforma li għad ma kellnix risposta min-naħa ta' l-Awtorita' ta' l-Artijiet, il-Kunsill qabel jieħu deċiżjoni biex jipproċedi għandu jistenna din ir-risposta.

08.2.09 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-laqgħa li kellha issir dwar id-diabete saret u kellha attendenza tajba.

08.2.10 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-programm taż-żbir tas-siġar qed jkompli filfatt bħalissa għaddej iż-żbir tas-siġar fil-ġnien ta' Saver Zarb.

08.2.11 Kienet saret laqgħa mal-kuntratturi li għandhom l-advertising barriers fil-lokalita' fejn fiha ġew infurmati bit-tibdil tal-bye-law kif ukoll il-mod kif huma għandhom jidentifikaw ir-riklami tagħhom.

08.3.12 Il-Kunsill ġie nfurmat li s-servizz ta' mini van ser jibda fis-seħħ mit-3 ta' Diċembru 2019.

**08.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

08.3.01 Ingħataw id-detalji tal-programm tal-konferenza internazzjoni BRIE. Din ser issir bejn it-28 ta' Novembru 2019 u it-2 ta' Diċembru 2019 ġewwa il-Millennium Chapel. Din il-konferenza ser tkun qed issir bil-fondi tal-EU u fiha ser jipparteċipaw Kunsilli minn ħames pajjiżi differenti. Il-Kunsilliera kienu mħeġġa li jattendu u li jipparteċipaw f'din il-konferenza.

08.3.02 Rigward Xatt is-Sajjieda ir-registrazzjonijiet saru u għadhom qed isiru.

08.3.03 Rigward Triq San Mark u Triq San Mikiel li issir one-way system din ġiet approvata u ser tibda fis-seħħ.

08.3.04 Ser issir laqgħa mas-Sindku tal-Gzira dwar il-*culling* tal-ħamiem.

08.3.05 Iċ-Ċermen qajjem il-punt dwar il-bring in sites li hemm ġewwa il-Balluta u Spinola. Il-proposta tas-Sindku hija li dawn jitneħħew u jitpoġġew fi Triq il-Baltiku taħt il-pont.

**08.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

08.4.01 Il-Kunsillier Guido Dalli qajjem il-punt dwar il-bridge li rranġajna tal-Knisja, il-ħadid ma nżebagħx, għandha tintbagħat ittra lill-Infrastructre Malta minħabba li l-wiċċ ma ġiex tajjeb.

08.4.02 Il-Kunsillier Sean Gauci ta proset dwar il-road markings li qed isiru ġewwa ta' Ta' Giorni. Is-sitwazzjoni dwar il-bring in sites qal li sejra għall-aħjar.

08.4.03 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula qajjem il-punt li kien sar xi diskors l-Kunsill m'għandhux fiduċja f'xi membri ta' l-istaff, huwa sostna li dan m'huwiex il-każ u dan id-diskors għandhu jieqaf imedjatament. Iċ-Ċermen sostna li huwa kien tkellem dwar l-istaff tal-Kunsill mas-Segretarju Eżekuttiv u jidher li hemm progress.

08.4.04 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri qajmet il-punt li l-knis ta' Triq Bonavita u Triq il-Qalb Imqaddsa mhux qed isir tajjeb. Min-naħa tagħna ser inkellmu lill-kuntrattur.

08.4.05 Il-Kunsillier John Agius qajjem il-punt biex jinzebagħ iż-żebra crossing ta' ħdejn il-Love Monument u jitneħħa l-arblu biswit iż-żebra crossing l-antika. Huwa nforma li l-preparazzjoni dwar l-għoti tal-hampers miexi tajjeb.

08.4.06 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul staqsa fiex wasal ix-xogħol dwar is-soft areas ta' Ta' Ġiorni, is-Sindku nfurmah li kienu għaddejjin taħdidiet ma' l-Awtorita' tad-Djar li kienu responsabbli miż-żamma tas-soft area. Huwa staqsa wkoll dwar id-dawl tal-istatwa tal-Qalb ta' Ġesu, huwa ġie nfurmat li dan ma setax isir għaliex meta saret it-triq min-naħa ta' Infrastructure Malta m'għaddewx il-cables tad-dawl.

**08.5 Skeda dwar il-ġbir ta' skart;**

08.5.01 Saret diskussjoni dwar l-iskeda tal-ġbir ta' l-iskart u kien hemm qbil li jekk il-Kunsill jingħata l-finanzi għandna nżiedu ġabra oħra tal-borża s-sewda nhar ta' Erbgħa.

**08.6 Attivitajiet tal-Milied;**

08.6.01 Ġew diskussi l-attivitajiet tal-Milied u kien hemm qbil fuq dawn l-attivitajiet:

1. Li norganizzaw transport sabiex group ta' nies ikunu jistgħu jmorru jagħtu d-demm il-bank tad-demm nhar is-Sibt 14 ta' Diċembru 2019.

2. Jiġi mtella’ kunċert flimkien mal- Amadeus Chamber Choir fil-Knisja Parokkjali ta’ San Ġiljan nhar is-Sibt 21 ta’ Diċembru 2019

3. Jiġi mtella’ programm mużikali flimkien mal-banda Spinola fil-Millenium Chapel fid-29 ta’ Diċembru 2019.

4. Jiġi organizzat coffee morning nhar it-Tlieta 17 ta’ Diċembru 2019.

5. Tiġi organizzata ħarġa għall-Għawdex fejn inżuru l-presepji. Din ser issir is-Sibt 28 ta’ Diċembru 2019.

6. Ser issir ikla tal-Kunsill u l-istaff nhar il-Ġimgħa 3 ta’ Jannar 2019 fil-każin tal-Banda San Ġiljan.

**08.7 Talbiet żgħar;**

**08.7.01 Email mingħand dwar proġett CD’s (Inc. 7789/19);**

08.7.01.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma qabilx.

**08.7.02 Email dwar kollaborazzjoni – Programm Annwali Milied 2019 (Inc. 7797/19);**

08.7.02.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din l-attivita’ titela bil-kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u Banda Spinola. Il-kontribut tagħna huwa ta’ €1,000 u l-kundizzjonijiet huma li jinħarġu l-inviti flimkien, li jsir reklamar flimkien kif ukoll waqt l-attivita’ tisemma’ li din l-attivita’ hija mtela’ b’kollaborazzjoni.

**08.7.03 Email dwar l-iskart fi Triq Patrick Brydone (Inc. 7838/19);**

08.7.03.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li dawk l-iskips jitneħħew.

**08.7.04 Email dwar kunċert tal-Milied (Inc. 7842/19);**

08.7.04.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż din l-attivita’ titela bil-kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u Soċjeta Filarmonika Madonna tal-Karmnu, Balluta. Il-kontribut tagħna huwa ta’ €1,000 u l-kundizzjonijiet huma li jinħarġu l-inviti flimkien, li jsir reklamar flimkien kif ukoll waqt l-attivita’ tisemma’ li din l-attivita’ hija mtela’ b’kollaborazzjoni.

**08.7.05 Email dwar il-fondi tal-Aġenzija LESA (Inc. 7917/19);**

08.7.05.01 Din inqrat għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**08.7.06 Email dwar l-iskeda ta' l-iskart (Inc. 7985/19);**

08.7.06.01 Dan l-item kien diġa ġie diskuss bħala item fl-aġenda.

**08.7.07 Email dwar Music Festival in Aid of Puttinu Cares (Inc. 7970/19);**

08.7.07.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jsir l-banner.

**08.7.08 Email dwar il-PPP (Inc. 8055-19);**

08.7.08.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'din il-korrispondenza.

**08.7.09 Email dwar Ġbir ta' informazzjoni fuq Membri tal-Kunsilli Lokali għall-użu tal-Kunsill Reġjonali (Inc. 8218/19);**

08.7.09.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'din il-korrispondenza.

**08.7.10 Email dwar Smart Bins in Public Spaces (Inc. 8146/19);**

08.7.10.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill mhux ser ikun qed japplika għaliha.

**08.7.11 Email dwar Funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali (Inc. 8147/19);**

08.7.11.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'din il-korrispondenza.

**08.7.12 Email dwar Notifika : Awtorita' tal-Ippjanar- Malta Architecture and Spatial Planning (MASP) Awards (Inc. 8134/19);**

08.7.12.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'din il-korrispondenza.

**08.7.13 Email dwar EU Convenent of Mayor Upcoming Events: Monitoring adaptation action (Inc. 8157/19);**

08.7.13.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'din il-korrispondenza.

**08.7.14 Email dwar change in one way system in Triq San Mark & Triq San Mikiel (Inc. 7916/19);**

08.7.14.01 Din ġiet diskussa qabel fl-aġenda.

**08.7.15 Email dwar E-Construction Application (Inc. 8126/19);**

08.7.15.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'din il-korrispondenza.

**08.7.17 Email dwar bins (Inc. 8123/19);**

08.7.17.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jżomm mad-deċiżjoni tiegħu li dawn l-Ibins jitneħħew.

**08.7.18 Email dwar Neptune's Booklet (Inc. 7834/19);**

08.7.18.01 Wara diskussjoni li saret, il-Kunsillier Guido Dalli ppropona li niktbulom ittra biex ninfurmawhom li l-Kunsill għal din is-sena mhuwiex ser jikkontribwixi reklam fil-booklet tal-club minħabba li dawn kienu kompletament injorawna meta il-Kunsill kien ta Ġieħ San Ġiljan lill-wieħed mill-fundaturi tal-club u l-uffiċjali presenti tal-klabb mhux talli ma tawniex informazzjoni dwaru iżda lanqas biss attendew għall-għoti tal-premju mingħajr ma avżawna. Kien hemm qbil unanimu fuq din il-proposta.

08.7.18.02 Il-Kunsillier Sean Gauci ġie skużat fit-8.00p.m.

**08.7.19 Email dwar aċċess għall-CCTV's (Inc. 7791/19);**

08.7.19.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'din il-korrispondenza.

**08.7.20 Email dwar Local Council Mobile App (Inc. 7858/19);**

08.7.20.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ssir laqgħa magħhom.

**08.8 Skeda tal-Pagamenti;**

08.8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'A)

08.8.02 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

08.8.03 Il-Kunsillier Guido Dalli ssekondah.

08.8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**08.9 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

08.9.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4890 sa 4923 (Ara Appendiċi 'B')

08.9.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**08.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

08.10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar il-Ħamis 19 ta' Diċembru fil-5.00p.m.

08.10.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.15p.m.

**IFFIRMATI,**

**Dott. Albert Buttigieg**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 2 ta' Jannar 2020